**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ IL-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111/ 21421988**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 01

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 01 ta’ Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Mitħna, Ħal Lija fil-5.30 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – Kap ta’ Minoranza
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b’apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- Kunsiller Anthony Dalli, bħala l-aktar Kunsillier anzjan hekk kif imfisser fl-Att dwar il-Gvern Lokali, ippreseda il-laqgħa.

### 1.1 Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku w Viċi Sindku

1.1.1 Il-Kunsillier Anthony Dalli, fetaħ din l-ewwel laqgħa tad-Disa' Kunsill billi għadda għall-ewwel item fuq l-Agenda.

1.1.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sur Anthony Dalli jekk kienx sejjer jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Wara li dan ikkonferma l-aċċettazzjoni, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv stiednitu biex jaqra d-dikjarazzjoni tal-Aċċettazzjoni u biex jiffirmah.

1.1.3 Imbagħad id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għaddiet ukoll biex tistaqsi lill-Kunsillier Calcedonio Cini jekk kienx sejjer jaċċetta l-ħatra ta' Viċi Sindku.

1.1.4 Is-Sur Cini kkonferma li kien sejjer jaċċetta din il-ħatra u għalhekk id-Deputat Segretarju Eżekuttiv stiednitu biex jaqra d-dikjarazzjoni u jiffirmah.

### 1.2 Ġurament tal-Ħatra tas- Sindku w Viċi Sindku

1.2.1 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr. Anna Mallia, li kienet preżenti għal din il-laqgħa, stiednet lill-Kunsillier Anthony Dalli biex jaqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament. Wara li s-Sur Dalli qara d-dikjarazzjoni, Dr. Anna Mallia stiednet lis-Sur Dalli biex ibus is-salib u wara talbu jiffirma d-dikjarazzjoni.

1.2.2 Imbagħad Dr. Anna Mallia stiednet lill-Kunsillier Calcedonio Cini biex jaqra d-dikjarazzjoni tal-ġurament. Wara li dan qara d-dikjarazzjoni, Dr. Anna Mallia stiednet lis-Sur Cini biex ibus is-salib u jiffirma d-dikjarazzjoni.

### 1.3 Diskors mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku Anthony Dalli, hawnhekk għamel diskors tal-okkażjoni kif inhu xieraq. Diskors Doc A anness mal-minuti.

### 1.4 Delegi

1.4.1 Hawnhekk is-Sindku tkellem fuq ir-responsabbiltajiet li għandhom jiġu assenjati lil kull Kunsillier, kif inhu xieraq. Dikasteri Doc B anness mal-minuti.

1.4.2 Huwa bħala Sindku ser jieħu ħsieb l-Ambjent, Proġetti Kapitali/ Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku w Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', Finanzi, Amministrazzjoni, Servizzi, Dipartimenti tal-Gvern u Entitajiet Pubbliċi.

1.4.3 Il-Viċi Sindku, Calcedonio Cini ġie mgħotti dawn il-karigi kif ġej; Saħħa, Anzjan Attiv, Turiżmu Lokali u Qasam Soċjali.

1.4.4 Bħala Kap tal-Minoranza, is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia ser tkun qed tieħu ħsieb l-Integrazzjoni Soċjali, Ħarsien tal-annimali, Innovazzjoni u Drittijiet tal-Konsumatur

1.4.5 Il-Kunsillier Diane Abela Penza hija nkarigata mill-Edukazzjoni, Familja, Kultura u Fondi Ewropej.

1.4.6 Il-Kunsillier Carl Betts ġie delegat jieħu ħsieb Żgħażagħ, Tfal u Sports.

1.4.7 Is-Sindku, Anthony Dalli, qal li huwa ser ikun ukoll membru tar-Reġjun Lvant u f'każ li huwa ma jkunx jista' jattendi għal xi laqgħa tar-Reġjun, il-Viċi Sindku Calcedonio Cini ser ikun il-membru sostitut.

## 1.5 Tmiem

1.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 6:00pm

1.5.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa 10 ta’ Lulju, 2024 fil-4:00pm.

Konfermati, illum L-Erbgħa 10 ta’ Lulju 2024.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Dorianne Bonnici Bondin<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Dokument A

Messaġġ fl-okkażjoni tal-ġurament tas-Sindku llum 1 ta' Lulju, 2024

Huwa ta' unur għalija li erġajt inatajt il-fiduċja sħiħa u ġejt magħżul bil-vot tar-residenti, biex inservi għal darba oħra f'dawn il- 5 snin li ġejjin fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija bħala Sindku. Hija esperjenza unika li bħala wild Ħal Lija jkolli l-esperjenza li nkun dejjem aktar minn qatt qabel viċin ir-residenti.

Il-legislatura li għada kif għaddiet, il-Kunsill irnexxilu jikseb riżultati tajbin ħafna, minkejja l-limitazzjonijiet ekonomiċi illi l-Kunsilli qegħdin jiffaċċjaw. Irnexxielna naħtfu l-opportunitajiet kollha permezz ta' fondi addizzjonali disponibbli mid-Development Planning Fund, mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea biex jitwettaq proġett oħra ta' fejda għas-settur agrikolu fiż-żona rurali ta' Ħal Lija, u b'fondi li joħorġu minn żmien għal ieħor mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjun Lvant, flimkien ma' persentaġġ ta' fondi li joħroġ mill-Kunsill Lokali. Dan kollu jista' jseħħ għaliex il-Kunsill għandu qagħda finanzjarja stabbli li huwa fattur ewlieni biex jinkisbu dawn il-fondi. Nistgħu ngħidu li kienu ħames snin ta' ħidma bla waqfien, fejn flimkien fassalna pjan ta' ħidma u wettaqna ħafna inizjattivi u proġetti li kienu ilhom snin mistennija.

Qegħdin ngħixu f'soċjetà li qegħda tinbidel b'rata mgħaġġla ħafna u dan it-tibdil qiegħed iġib miegħu sfidi ġodda, u li bla dubju ta' xejn il-lokal qiegħed jiffaċċja. Il-lokal qiegħed jiffaċċja sfidi bħal ma' huwa żvilupp ta' proġetti fil-qasam tal-kostruzzjoni – theddid lill-ambjent naturali tagħna u t-traffiku li jgħaddi mit-toroq dojoq tal-lokalita' tagħna fejn għadna nesperjenzaw sewqan eċċessiv f'kull ħin tal-ġurnata għad-detriment tar-resdienti.

Fil-ħames snin li ġejjin irridu nħarsu l-quddiem b'viżjoni u b'determinazzjoni u nibdew b'ħarsa pożittiva, għax il-Kunsill il-ġdid se jsib bażi soda fuq xiex jaħdem peress li l-Kunsill li għadu kif spiċċa żamm f'moħħu dejjem dan il-kunċett ta' strateġija fit-tul għall-lokalita'.

Hemm ħafna proġetti ġa lesti biex jinbdew u proġetti ta' ċertu portata u benefficċji siewja għall-lokalita'. Hemm minnhom li rridu naħdmu ma dipartimenti tal-Gvern Ċentrali biex dawn jirnexxu. Nispera li nsibu l-koperazzjoni ta' kulħadd u ħadd ma jifkel lill-Kunsill milli jikseb aktar xogħlijiet fil-lokalita' tagħna li fl-aħħar mill-aħjar il-benefiċjarju ewlieni huma r-resident.

Jiena nawgura kull suċċess lilkom ilkoll speċjalment liż-żewġ kunsillieri l-ġodda fil-ħidma tagħkom għal ħames snin li ġejjin, ħidma li ssarraf ġid lir-residenti tagħna kollha mingħajr ma nħarsu lejn kuluri u uċuħ.

Nawgura ukoll lil Deputat Segretarju Eżekuttiv il-ħidma t-tajba f'dan il-rwol ġdid fil-karriera tiegħek fil-Kunsilli lokali.

Grazzi

**Dokument B**

**Gvern Lokali Ħal Lija - 2024/2029**

**ANTHONY DALLI - SINDKU**

AMBJENT,

PROĠETTI KAPITALI – INFRASTRUTTURA,

IMMANIĠJAR TAT-TRAFFIKU u ORDNI PUBBLIKA,

L-GĦAQDIET FIL-KOMUNITA',

FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, SERVIZZI, DIPARTIMENTI TAL-GVERN U ERNTITAJIET PUBBLIĊI

**DONIO CINI - VICI SINDKU**

SAĦĦA,

ANZJAN ATTIV,

TURIŻMU LOKALI

QASAM SOĊJALI.

**LORRAINE FARRUGIA – MUSCIA - KUNSILLIER**

INTEGRAZZJONI SOĊJALI,

ĦARSIEN TAL-ANNIMALI,

INNOVAZZJONI u DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR.

**DIANE ABELA PENZA - KUNSILLIER**

EDUKAZZJONI,

FAMILJA,

KULTURA u

FONDI EWROPEI,

**CARL BETTS - KUNSILLIER**

ŻGĦAŻAGĦ,

TFAL,

u SPORTS.

**Is-Sindku Anthony Dalli se jkun ir-Raprezentant tal-Kunsill għar-Reġjun Lvant u l-Viċi Sindku Donio Cini se jkun is-sostitut tas-Sindku fir-Reġjun.**